**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 22 ta' Marzu 2017**

**App. Nru. 405 / 2013 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Omissis**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Omissis, karta ta' l-identita` numru XX, talli:

(1) f'Ħaż-Żabbar fis-17 ta' Diċembru 2005, ikkommetta stupru vjolenti fuq HB, tifla ta' ħdax-il sena, u dan bi ksur tal-art. 198, 201(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(2) fl-istess data, lok u ċirkostanzi, mingħajr ordni skond il-Liġi tal-awtorita` kompetenti, u barra mill-każijiet fejn fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta l-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil HB kontra l-volonta` tagħha u

dan bħala mezz sabiex l-istess HB tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod ghal xi haga li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha, u dan bi ksur tal-art. 86 u 87 (g) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(3) f'Ħaż-Żabbar u fi bnadi oħrajn fil-Gżejjer Maltin f'Diċembru 2005 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'egħmil żieni ikkorrompa lil HB u dan, bi ksur tal-art. 203(1)(a) u (b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(4) f'Diċembru 2005 f'dawn il-Gżejjer, ikkommetta serq ta' *mobile phone* tal-marka Nokia numru serjali 356228/00/135916/2, liema serq huwa aggravat bil-persuna u bix-xorta tal-ħaġa l-misruqa għad-detriment ta' Clinton Briffa (art. 268(a) u 271(g) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) ;

(5) f'Diċembru 2005 f'dawn il-Gżejjer f'dawn l-aħħar ġimgħat, f'Santa Venera xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom ;

(6) f'dawn l-aħħar ġimgħat, f'dawn il-Gżejjer, malli sar jaf li xi ħaġa li kienet fil-pussess tiegħu kienet ħaġa misruqa jew ħaġa meħuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqas li jgħarraf lill-pulizija b'dak il-fatt fi żmien ġimgħa minn meta kien hekk sar jaf ;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-24 ta' Settembru 2013 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tat-8 ta' Novembru 2007 u senjatament l-Artikoli 17, 198, 201(a), 203(1)(a)(b), 261(g), 271(g) u 281 tal-Kodici Kriminali, sabet lill-imsemmi Omissis ħati tal-ewwel (1), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjonijiet miġjuba fil-konfronti tiegħu u kkundannatu seba' (7) snin priġunerija. Il-Qorti iddikjaratu mhux ħati tat-tieni (2) imputazzjoni miġjuba fil-konfronti tiegħu u konsegwentement illiberatu minnhom. Stante li l-ħames (5) u s-sitt (6) imputazzjonijiet ingħataw bħala alternattiva għar-raba'(4) imputazzjoni li tagħha l-imsemmi Omissis instab ħati l-ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjonijiet. Sabiex tiġi protetta l-identita` tal-minuri, l-ewwel Qorti ordnat d-divjet tal-publikazzjoni fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni ta' isem il-minuri u tal-familjari tagħha. Fl-aħħarnett dik il-Qorti, wara li rat il-Kap. 518 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex l-istess Omissis jitniżżel fuq ir-Reġistru ndikat fl-imsemmi Att u għal dan il-għan ordnat li kopja tas-sentenza tiġi komunikata lill-imsemmi Reġistratur;

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Omissis, ippreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Ottubru 2013, fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena jew alternattivament tirriformaha fil-parti tal-piena billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għal każ odjern;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji tal-appellant Omissis huma s-segwenti:

> "L-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda l-apprezzament zbaljat tal-provi prodotti. Illi bir-rispett kollu jigi umilment sottomess illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti quddiemha meta strahet kwazi esklussivament fuq id-depozizzjoni tal-minuri, meta din la hija kkorroborata minn ebda prova ohra, u oltre minn hekk hija wahda konfliggenti.
>
> "Ghalkemm huwa veru li xhud wiehed, jekk emmnut hu bizzejjed biex jaghmel prova shiha, f'certi cirkostanzi, u anke tenut kont tal-emenda ricenti rigward korroborazzjoni, li Qorti toqghod fuq tali xhieda **<u>biss</u>** la hu *safe* u lanqas *satisfactory,* u ghalhekk wiehed ghandu joqghod ferm attent, u jezercita cirkospezzjoni akbar specjalment meta si tratta ta' xhud li hija minuri, fl-aghar eta` taghha u cioe` bejn tfulija u adoloxxenza.
>
> "Issir ghalhekk referenza ghal dak illi tixhed il-minuri biex tiddeskrivi l-mument tal-allegat stupru, liema xhieda hija inkonsistenti, ghalkemm tiddeskrivi l-mument krucjali u ghalhekk l-aktar parti importanti tal-allegat incident. Il-minuri bil-gurament taghha, in ezami, tiddeskrivi l-istupru billi tghid '*beda jaghmel il-parti tieghu mal-parti tieghi'* (fol 45), u sussegwentement tghid '*dahhal il-parti tieghu go tieghi'* (fol 47). Meta mistoqsija in kontro-ezami, jekk omissis ghamilx xi haga ohra barra li, kif tallega hi, mess il-parti tieghu ma taghha, il-minuri bil-gurament taghha, b'mod kategoriku tichad u tirrispondi <u>LE</u> (fol 61).
>
> "Fi kliem iehor, il-minuri taghti verzjonjiet kunfliggenti biex tiddeskrivi l-incident, ghax filwaqt illi tghid illi l-appellant semplicement mess il-parti tieghu ma taghha u ma ghamel assolutament xejn aktar, fl-istess nifs tghid ukoll illi l-appellant dahhal il-parti tieghu go taghha.
>
> "Dan iqanqal dubju serju dwar jekk effettivament kienx hemm kongungiment karnali jew le, bejn l-appellanti u l-minuri, u ghalhekk ma jistax jinghad illi din l-imputazzjoni giet ppruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Dan peress illi ma hemmx provi cari u inekwivoci illi almenu kien hemm bidu ta' penetrazzjoni.
>
> "L-ewwel Qorti jidher illi tat konsiderazzjoni qawwija ghall-fatt illi l-minuri tghid li rat id-demm wara l-allegat att sesswali, kif ukoll fuq ix-xhieda tat-tabib Tonna li fix-xhieda tieghu jghid illi l-minuri HB kellha zewg ticritiet fil-hymen tal-parti privata taghha.

"Fir-rigward ta' dak li tghid il-minuri rigward id-demm li hija rat, bir-rispett kollu dan ma huwa kredibbli xejn, u jimpingi serjament fuq il-kredibbilita` o meno tal-vittma. Huwa fatt ben maghruf, li wara l-ewwel esperjenza sesswali tieghu, persuna tas-sess femminili jara kwantita` zghira ta' demm, li normalment tkun konsistenti fi ftit taqtir. Pero` il-minuri tghid illi wara l-allegat att sesswali mal-appellant hija kellha tmur fi kliemha stess gewwa l-kamra tal-banju, sabiex tbiddel il-qalziet ta' taht taghha, taghmel *pad*, ghax hasbet li kien gieha l-*period* u ddum tara d-demm madwar jumejn (2). Fl-umli fehma tal-appellant dan ma huwa kredibbli xejn u l-Ewwel Qorti kellha ghalhekk tiskarta kompletament din il-parti tad-depozizzjoni taghha bhala inveritiera peress illi m'ghandhiex minn lewn is-sewwa. Inoltre, dan il-fatt ma jsib konfort f'ebda prova ohra.

"L-ewwel Qorti jidher ukoll illi tat piz konsiderevoli lil dak li xehed it-tabib Joseph Tonna, li fid-deposizzjoni tieghu a fol 150, ikkonferma c-certifikat rilaxxjat minnu u esebit in atti a fol 108 tal-process, fejn jghid illi wara li ezamina lil minuri HB, huwa rriskontra zewg ticritiet fuq il-partijiet opposti tal-*hymen u li ghalhekk il-minuri ma kienitx virgo intacta*. Rigward dan ix-xhud tal-prosekuzzjoni, l-appellant umilment jissottometti illi l-fatt illi dan xehed illi l-minuri kellha zewg ticritiet fil-*hymen* taghha u li konsegwentement hija ma kienitx ghadha vergni, ma jikkostitwixxi ebda prova kontra tieghu. Fil-fatt, dan il-fatt jipprova biss illi l-minuri, f'xi stadju ta' hajjitha, seta' kellha xi forma ta' relazzjoni sesswali ma xi hadd. A kuntrarju ta' dak li sostniet l-Ewwel Qorti, dan ma jfissirx illi l-persuna/i, li kellhom kongungiment karnali mal-minuri kien l-appellant.

"Inoltre, wiehed ma jistax jiskarta l-fatt illi t-tabib Joseph Tonna, huwa General Practitioner, u mhux gynecologist espert fil-materja. Fil-fatt, fid-depozizzjoni tieghu stess quddiem l-Ewwel Qorti, apparti r-riluttanza tieghu sabiex jixhed f'dawn il-proceduri, huwa stess sostna illi l-Qorti ma kellhiex tistrieh fuq id-depozizzjoni tieghu peress illi huwa ma kienx espert fil-kamp.

"Punt iehor li certament iqajjem dubju serju dwar il-kredibilita` o meno tax-xhud minuri HB, huwa l-fatt illi l-minuri qatt ma giet ezaminata minn espert mediku indipendenti, u dan peress illi omm il-minuri JB, naqset milli tiehu lil bintha ghal ben erbgha (4) appuntamenti mal-espert ginekologu mahtur mill-Qorti Dr. Carmen Portelli. Wiehed minghajr ma jrid isaqsi ghalfjen l-omm ma zammitx dawn l-appuntamenti, u x'interess kellha illi tostakola s-sejbien tal-verita`? Certament illi ezami mediku tat-tabib espert fil-materja kien jelimina d-dubji serji li jezistu mir-rizultanzi tal-ezami mediku tat-tabib Joseph Tonna. Pero` ghal xi raguni li taf hi biss, il-parti civili jidher illi filwaqt illi baqghet tinsisti illi trid tkompli tmexxi bl-azzjoni kriminali fil-konfront tal-appellant, mill-banda l-ohra naqset milli tattendi ghal test mediku daqstant importanti, illi kien certament jitfa' dawl ahjar fuq il-verita`.

"Fatt stramb iehor li jimpingi hafna fuq il-kredibilita` tal-vittma, hu li hija baqghet f'komunikazzjoni kontinwa mal-appellant, wara li din suppost waqghet f'dipressjoni, skond kif qalet ommha stess fid-depozizzjoni taghha. Jirrizulta mid-depozizzjoni tal-minuri illi wara dan l-allegat incident suppost ikrah, il-minuri baqghet tikkomunika mal-appellanti, anke meta strettament ma kellhiex ghalfjen, peress illi l-appellant la hu persuna b'parentela maghha, u lanqas kien persuna illi kellha bilfors tibqa' tiffrekwenta trid jew ma tridx, bhal nghidu ahna xi ghalliem

taghha. Hija baqghet tikkomunika mal-appellant anke permezz ta' messaggi, li baghtet minn jeddha, fejn sahansitra qaltlu li thobbu bhala habib, u anke billi baqghet taccetta rigali minghandu; aktar importanti minn hekk, baqghet tmur tixtri l-laham mieghu (fol 54).

"Bir-rispett kollu l-appellant ma jaqbilx mar-ragunament tal-Ewwel Qorti u cioe` illi l-minuri zammet il-hbiberija mieghu semplicement ghax thassritu, meta huwa mar jibki u li b'hekk fehmet illi la darba huwa kien qed jiskuza ruhu, dan l-incident ma kienx se jerga' jirrepeti ruhu.

"Din is-sottomissjoni qed issir ukoll fid-dawl tal-fatt illi s-*sim card* tal-minuri qatt ma giet elevata u ezaminata. Anke hawn jista' jkun hemm raguni ghalfejn l-omm ghamlet minn kollox biex tiehu s-*sim card* ta' bintha hi, u wara tghid illi ma tafx fejnha u dan minflok taghtiha lil Pulizija ghal investigazzjoni. Analizi ta' din is-*sim card* kienet probabilment titfa dawl fuq dak li gara bejn l-appellanti u l-minuri HB f'dik il-gurnata. Din is-*sim card*, minkejja l-importanza u r-relevanza taghha fir-rigward tal-akkuzi kriminali fil-konfront tal-appellant, migjuba kontrih fuq rapport li ghamlet il-minuri fil-prezenza ta' ommha, ma gietx preservata, u baqghet ma nstabitx. Ghaldaqstant ma setatx tigi prezentata quddiem l-Ewwel Qorti.

"Fid-depozizzjoni taghha, il-minuri taghmel accenn ghal fatt illi l-buttuna tal-qalziet taghha, waqghet, propju meta l-appellanti prova jnehhilha l-qalziet ta' taht liema fatt ma giex pruvat stante illi inoltre l-istess buttuna baqghet qatt ma nstabet u dan idghajjef ulterjorment il-verzjoni u l-kredibilita` tal-allegata vittma u tnissel dubju jekk verament l-istess minuri qattx kienet fizikament fil-*garage* imsemmi.

"Illi mix-xhieda prodotti lanqas ma kellu jirrizulta sal grad rikjest mill-ligi, ir-reat ta' korruzzjoni ta' minoreni u dan filwaqt li l-esponenti a skans ta' ripetizzjoni jaghmel riferenza ghas-sottomissjonijiet surreferiti.

"Illi l-akkuzi dwar serq aggravat bil-persuna u x-xorta tal-haga misruqa ma gewx sodisfacentement pruvati mill-prosekuzzjoni stante illi ma giex sodisfacentement pruvat il-*mens rea* rekwizit u dan tenut kont ulterjorment tal-istat mentali u problemi psikologici u psikjatrici li jirrizultaw mill-atti processwali u ghaldaqstant, l-esponent kellu jigi misjub mhux hati u liberat mill-akkuzi ta' serq, ricettazzjoni u li naqas li jgharraf lil pulizija dwar hwejjeg misruqa.

"Illi ulterjorment stante t-trapass taz-zmien lanqas ma tista' tigi applikata t-teorija tar-*recent posession* u li fic-cirkostanzi ma gewx pruvati c-cirkostanzi li fihom gie akkwistat jew ottjenut il-*mobile* msemmi mill-esponent b'mod illi iwassal ghal prova sal grad rikjest mill-ligi illi dan gie fil-pussess tal-esponent b'tali mod li jikkostitwixxi ir-reati addebitati lilu u illi inoltre kif iddikjarat l-Ewwel Onorabbli Qorti stess fis-sentenza, ma giex determinat b'mod cert is-serq ghad-detriment ta' min sar jekk hux ta' Clinton Briffa jew tal-kumpanija li timpjega lil esponenti.

"Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju, l-esponenti jaghmel referenza ghall-kuncett ta' *diminished responsibility* illi kif gie ritenut fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Awwissu, 1999 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Vella**, jifforma parti mill-ligi taghna b'applikazzjoni generali ghal finijiet ta'

piena. Illi f'dan il-kuntest, l-esponenti jaghmel referenza ampja ghar-rizultanzi tad-diversi esperti li rrelataw f'dawn il-proceduri dwar l-istat mentali tal-esponent li certament jikkwalifikaw sabiex kellu jkun applikat dan il-kuncett u tigi erogata piena anqas minn dik li fil-fatt giet erogata;

"Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, aggravju iehor tal-appellant huwa bbazat fuq l-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali. Dan l-artikolu jiddisponi illi, '*Bla hsara tad-dispozizzjonijijet tal-artikolu 492, il-qorti tista', ghal ragunijiet specjali u straordinarji li ghandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza, taghti dik il-piena izghar li, fid-diskrezzjoni taghha, tkun tixraq, ghad illi jkun hemm stabbilit l-anqas piena fl-artikolu li jsemmi dak ir-reat jew taht id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 20, minghajr hsara ghad-disposizzjonijiet tal-artikolu 7'*.

"Certament illi f'dan il-kaz jezistu l-estremi ta' ragunijiet specjali u straordinarji, ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kap 9, li jimmeritaw illi l-Qorti tmur taht il-minimu tal-piena minnha preskritta, u dan meta wiehed jikkonsidra l-istat mentali pjetuz tal-appellant. Dawn il-fatti jirrizulta car mit-testimonjanza tad-diversi esperti psikologici u psikjatrici, anke dawk appuntati mill-Qorti stess, li wara li ezaminaw lill-appellant kollha ikkonkludew illi l-appellant mhux persuna mentalment normali u li jbati minn mankanza ta' zvilupp mentali. In succint, dawn jispjegaw l-istat mentali tal-appellant bhala wiehed ta' *borderline intelligence, b'mild learning disability, ADHD u mental retardation* fejn mohh l-appellant ghandu zvilupp ta' tifel bejn disa' u tnax il-sena, liema jikkawzaw fih, (guvni ta' tlieta u tletin sena), impulsivita` b'tali mod u manjiera illi huwa ma jkunx f'posizzjoni li jahseb u jikkonsidra l-konsegwenzi ta' eghmilu, u taghmlu persuna vulnerabbli.

"Fi kliem iehor, ghalkemm l-appellant kapaci jiddistingwi bejn dak li huwa tajjeb u hazin, u konsegwentement ma jistax ikun kompletament ezonerat minn responsabbilita` kriminali, huwa ma jistax jitqies bhala kwalunkwe persuna ohra ghal finijiet ta' piena. Fi kliem, iehor, fl-umli fehma tal-appellant, dawn il-fatturi kellhom iwasslu lil Qorti sabiex timponi piena minima taht dak stabbilit ghar-reati migjuba bil-konfronti tieghu.

"Illi f'kull kaz tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz maghduda flimkien, il-piena erogata hija wahda eccessiva fic-cirkostanzi."

**6.** L-ewwel aggravju jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza in materja ta' din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi, b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita` biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti.

**7.** Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi kollha miġjuba quddiem l-ewwel Qorti. Jirriżulta illi fid-9 ta' Jannar 2006 sar rapport fl-uffiċju tal-Vice Squad minn JB u FB li binthom minorenni HB li kellha ħdax-il sena kienet ġiet

stuprata mill-appellant li kien ħabib tal-familja. Dwar dak li allegatament seħħ xehdet fid-dettal HB, il-minorenni. L-appellant, kif jirriżulta mir-rikors ta' appell tiegħu hawn fuq riprodott, qiegħed jattakka l-kredibilita` ta' din il-minorenni. L-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali, pero`, jipprovdi: **"B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar."**

**8.** Din il-Qorti eżaminat b'attenzjoni x-xiehda li tat il-minorenni quddiem l-ewwel Qorti. Għalkemm l-appellant jgħid illi l-minorenni kienet inkonsistenti dwar dak li jirreferi għalih bħala l-mument kruċjali, din l-inkonsistenza hi biss apparenti. Meta xehdet quddiem l-ewwel Qorti u ġiet biex tiddeskrivi dak li ġara l-ewwel qalet "Beda jagħmel il-parti tiegħu ma' tiegħi, dam ftit hekk ...."[1] Ftit aktar 'il quddiem imbagħad tgħid: "Hu x'ħin niżel fuqi mill-ewwel għamel il-parti tiegħu ma' tiegħi ... u daħħal il-parti tiegħu ġo tiegħi."[2] In kontro-eżami, mistoqsija tgħid eżattament x'ġara fil-garaxx, qalet: "Mess il-parti tiegħu ma tiegħi, hux."[3] Imbagħad isegwi dan:

| | |
|---|---|
| "Qorti: | Sewwa, għamel xi ħaġa oħra barra dan? |
| Xhud: | Le. |
| Dif: | Ok, hi qalet. |
| Xhud: | Li għamel mesaħ idu, tefa' l-kaxxa tal-għodda ħamra daqshekk ġol-karozza. |
| Qorti: | Tgħidli kif, b'liema mod messek lilek? |
| Xhud: | Bl-għaġġla. |
| Qorti: | Bl-għaġġla. Issa meta mess il-parti tiegħu ma' tiegħek, int ħassejt xi ħaġa? |
| Xhud: | Mela. |
| Qorti: | X'ħassejt? |
| Xhud: | Qisek tweġġa' hux"[4] (sottolinear ta' din il-Qorti). |

**9.** Il-fatt li l-minorenni ma qalitx kollox f'nifs wieħed ma jfissirx illi m'għandhiex titwemmen. Wara kollox hi minorenni, u ċertament dan juri li ma kinitx qed tirrakkonta storja li tgħallmet bl-amment. Il-mod kif iddeskriviet kif l-appellant messha ("bl-għaġġla") u l-mod kif iddeskriviet dak li ħasset ("tweġġa'") jagħtu kredibilita` lill-minorenni. Imbagħad din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-fatt li l-minorenni rat id-demm[5] jikkorrobora dak li rrakkontat, peress illi juri l-ħsara fiżika li għamlilha l-appellant.

[1] Xiehda tal-minorenni a fol. 45.
[2] *Ibidem* a fol. 47.
[3] *Ibidem* a fol. 61.
[4] *Ibidem* a fol. 61.
[5] *Ibidem* a fol. 49.

**10.** Il-minorenni ġiet eżaminata minn Dr Joseph Tonna, li jaħdem bħala *general practitioner,* u li hu stess fix-xiehda tiegħu jgħid illi mhuwiex espert fil-materja għax mhuwiex ġinekologu. Difatti, għal tali raġuni, l-appellant isostni illi m'għandhiex tiġi kkunsidrata x-xiehda tiegħu. Din il-Qorti ma taqbilx peress illi anke *general practitioner* huwa kapaċi jagħti deskrizzjoni ta' dak li viżwalment jista' jara. Fil-fatt Dr Tonna rriskontra "żewġ *tears* laterali ... fil-*hymen*, vuoldieri ma kinitx verġni, vuoldiri xi forma ta' penetrazzjoni kien hemm".[6] Huwa veru li għal xi raġuni mhux magħrufa, il-minorenni ma ttieħdet qatt sabiex tiġi eżaminata mill-ġinekologa Dr Carmen Portelli li ġiet nominata mill-ewwel Qorti. Dan, pero`, ma jnaqqas xejn minn dak li xehed Dr Tonna li huwa kien irriskontra "żewġ *tears* laterali ... fil-*hymen*". Imbagħad l-istess minorenni ikkonfermat li din kienet l-ewwel esperjenza sesswali tagħha.[7] U bħalma dejjem ġie ritenut mill-Qrati tagħna, biex ikun hemm ir-reat ta' stupru mhux meħtieġ li jkun hemm penetrazzjoni sħiħa u l-iċken bidu ta' konnessjoni karnali hija sufficjenti biex jissussisti r-reat.

**11.** Ma tarax li l-fatt li l-minorenni baqgħet f'komunikazzjoni ma' l-appellant inaqqas mill-kredibilita` tagħha. Wara kollox hu kien heddidha biex ma titkellimx u baqa' jiffrekwenta l-familja tagħha għal ftit żmien ieħor sakemm il-minorenni rrakkontat dak li kien ġara lil ommha. Lanqas il-fatt li ma nafux il-kontenut tas-*sim card* għax ma nstabx minn omm il-minorenni ma jista' jnaqqas mill-kredibilita` tal-minorenni. Mix-xiehda tal-minorenni u ta' ommha jirriżulta li kien l-appellant li baqa' jippersisti jiġri wara l-minorenni. Dwar il-buttuna li l-minorenni qalet li nqalgħetilha fil-garaxx, ma jirriżultax li saret tfittxija għaliha u għalhekk jekk ma saritx tfittxija ma setgħetx tinstab.[8] Pero` is-Supt Sharon Tanti esebiet il-ħwejjeġ li kienet liebsa l-minorenni fil-ġurnata in kwistjoni, fosthom qalziet b'buttuna nieqsa (Dok. JTZ1).

**12.** Konsegwentement din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni ta' l-ewwel Qorti li l-appellant kellu jinstab ħati ta' l-ewwel imputazzjoni.

**13.** L-appellant jgħid illi ma kellux jinstab ħati tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni. Din il-Qorti ma taqbilx ma' l-appellant u, fid-dawl tar-riżultanzi dwar l-ewwel imputazzjoni, tikkondividi l-fehma ta' l-ewwel Qorti li, wara li rreferiet għal ġurisprudenza in materja, kkonkludiet: **"Fil-każ odjern il-Qorti jidhrilha li jirriżultaw l-estremi kollha ta' dan ir-reat iżda jidhrilha wkoll li jista' jitqies li din l-imputazzjoni tista' titqies li hija assorbita fl-imputazzjoni ta' stupru vjolenti."**

6 *Ibidem* a fol. 150 – 151.
7 *Ibidem* a fol. 47.
8 Xiehda tas-Supt. Sharon tanti a fol. 231.

**14.** Dwar ir-raba' imputazzjoni, dik ta' serq aggravat, din il-Qorti sejra tirreferi għall-bran relattiv fis-sentenza appellata:

> **"Illi l-imputat qieghed jigi akkuzat ukoll li seraq *mobile* tal-marka Nokia ghad-dannu ta' Clifton Briffa. Illi meta xehed l-istess Clifton Briffa dan qal li kien hareg ghax-xoghol flimkien mal-imputat minhabba li kien jahdem mal-kumpanija ta' missieru u meta rritornaw lura nduna li kellu l-*mobile phone* nieqes. Peress li l-imputat kien jiehu l-vann tal-kumpanija mieghu d-dar huwa prova jcempillu sabiex jistaqsih jekk kienx sab il-*mobile* tieghu izda dan qallu li ma kienx rah. Wara ftit taz-zmien kien mar missier HB fil-post tax-xoghol tal-imputat u Briffa gharaf il-*mobile* tieghu f'idejn B fejn dan imbaghad qallu li l-*mobile* kien tahulu l-imputat. Illi mix-xhieda li ta FB jirrizulta wkoll li l-imputat qallu li kien sab il-*mobile phone* in dizamina fuq bankina. Missier HB qal li l-istess *mobile phone* kien gie moghti lilu mill-imputat bhala rigal fiz-zmien il-Milied. Il-Qorti jidhrilha li gie pruvat li l-imputat kien fil-pussess tal-*mobile phone* li Clinton Briffa sab nieqes u li tali pussess huwa prova inkonfutabbli li l-imputat seraq l-istess *mobile phone* minghand Briffa u mbaghad iddispona minnu bil-mod appena indikat. Huwa sejjer ghalhekk jinstab hati ta' serq kwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa <u>izda mhux bil-kwalifiki tal-valur u tal-persuna stante li ma giex pruvat li l-valur tal-imsemmi *mobile phone* kien jeccedi l-€232 u l-anqas ma gie pruvat li l-*mobile phone* kien jappartjeni lill-kumpanija li kienet timpjega lill-imputat u mhux lil Clinton Briffa personalment</u>"** (sottolinear ta' din il-Qorti).

**15.** Imbagħad fid-*decide*, għalkemm qalet li qed issib ħtija għar-raba' imputazzjoni, hija rreferiet biss għall-paragrafu (g) ta' l-artikolu 261 u l-paragrafu (g) ta' l-artikolu 271 tal-Kodiċi Kriminali. Jiġifieri l-ewwel Qorti sabet ħtija biss fir-rigward ta' serq aggravat bix-xorta tal-ħaġa misruqa.

**16.** L-appellant jgħid illi ma ġiex sodisfaċentement pruvat il-*mens rea* rekwiżit u dan tenut kont ulterjorment tal-istat mentali u problemi psikoloġiċi u psikjatriċi li jirriżultaw mill-atti proċesswali; li kellu jiġi liberat mill-akkużi ta' serq, riċettazzjoni u li naqas li jgħarraf lill-Pulizija dwar ħwejjeġ misruqa; li stante t-trapass taż-żmien lanqas ma tista' tiġi applikata t-teorija tar-*recent possession*; li ma ġewx pruvati ċ-ċirkostanzi li fihom ġie akkwistat jew ottjenut il-*mobile* minnu b'mod illi jwassal għal prova sal-grad rikjest mill-liġi illi dan ġie fil-pussess tiegħu b'tali mod li jikkostitwixxi r-reati addebitati lilu; u illi inoltre kif iddikjarat l-ewwel Qorti stess fis-sentenza, ma ġiex determinat b'mod ċert is-serq għad-detriment ta' min sar jekk hux ta' Clifton (jew Clinton) Briffa jew tal-kumpanija li timpjega.

**17.** Kwantu għall-kwistjoni tal-*mens rea*, qed issir referenza għar-rapporti ta' l-esperti nominati mill-ewwel Qorti. Mir-rapport[9] imhejji mill-psikjatra Dr. Joseph Cassar u l-psikologa Dr. Dorothy Scicluna bl-inkarigu li jeżaminaw lill-

---

[9] Dok. JCZA a fol. 14 – 21.

appellant (allura imputat) u jirrelataw dwar il-kapaċitajiet mentali tiegħu, jirriżulta li kkonkludew is-segwenti:-

> "1) Is-sur Omissis, detentur tal-karta ta' l-identita` numru XX, ma jbatix minn mard ta' ġenn f'termini tal-liġi.
> "2) Għalkemm jidher li s-sur Omissis jbati minn problemi ta' impulsivita` u livell konjittiv fil-livell ta' 'borderline intelligence', mill-eżami u x-xhieda meħuda, hu ma jidhirx li għandu problemi biex jifhem o meno l-akkużi miġjuba kontrih.
> "3) L-imputat jifhem ukoll il-gravita` o meno ta' l-akkużi miġjuba kontrih u jista' jirrispondi għalihom."

**18.** Minn rapport ulterjuri mhejji mill-esperti psikjatri Dr. Joseph Cassar, Dr. Ethel Felice u Dr. Etienne Muscat jirriżulta li kkonkludew is-segwenti:-

> "1. Is-Sur Omissis, detentur tal-karta tal-identita` numru XX ma jidhirx li kien qed ibati minn mard ta' ġenn f'termini tal-liġi fil-ħin tal-allegat rejat.
> "2. Għalkemm jidher li s-Sur Omissis jbati minn problema ta' impulsivita` u livell konjittivi fil-livell ta' 'borderline intelligence', mill-eżami u xhieda meħuda, hu ma jidhirx li għandu problema biex jifhem o meno l-akkużi miġjuba kontrih.
> "3. L-imputat jifhem ukoll il-gravita` o meno ta' l-akkużi miġjuba kontrih u jista' jirrispondi għalihom."

**19.** Inoltre l-appellant stess, fir-rikors ta' appell tiegħu, jaċċetta li "kapaċi jiddistingwi bejn dak li huwa tajjeb u hazin". Dan joħroġ evidenti mill-fatt illi jidher li gideb lil Frans Bugeja[10] dwar il-provenjenza tal-*mobile* u qallu biex iħassar ir-ritratti li kien hemm fuqu[11].

**20.** Dwar it-teorija Ingliza *of unlawful possession of recently stolen goods*, din il-Qorti tirreferi għas-sentenza mogħtija minnha fis-17 ta' Marzu 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Massimo Caruso** fejn qalet:

> **"Kif qalet din il-Qorti diversament preseduta (per V. De Gaetano J., fl-Appell Kriminali Il-Pulizija v. Emanuel Seisun et, 26 ta' Awissu 1998), it-teorija Ingliza "*of unlawful possession of recently stolen goods*" issib ukoll applikazzjoni fis-sistema legali taghna, ghax in tema ta' *law of evidence* il-gurisprudenza taghna ssegwi hafna dik Ingliza. Din it-teorija ma hi xejn hlief l-applikazzjoni tal-buon sens ghal cirkostanzi partikolari li jkunu jirrizultaw pruvati, fis-sens li meta jigu ppruvati certi fatti, dawn jistghu wahedhom iwasslu ragjonevolment ghall-konkluzzjoni li persuna partikolari tkun hatja tar-reat ta' serq tal-oggetti misjuba ghandha jew, skond ic-cirkostanzi, tar-reat ta' ricettazzjoni ta' dawk l-oggetti.**
>
> **"F'dik is-sentenza din il-Qorti ccitat mill-Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice (1997, paras. 21-125, 21-126):-**

---

10 Ara xiehda ta' Frans Bugeja a fol. 98.
11 Ara *infra* para. 21.

***"'In R. v. Smythe, 72 Cr. App. R. & C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling: it adopted the following passage from <u>Cross on Evidence</u>, 5th ed., p.49 (now 8th. ed., p.35): 'if someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief <u>or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen</u>….The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury is satisfied that the explanation he does offer is untrue.'***

***"'Every case depends on its own facts …. It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the other available evidence.'*** [12]**"**

**21.** Fil-każ in eżami din il-Qorti, wara li eżaminat il-provi rilevanti, u senjatament ix-xiehda tad-derubat Clifton (jew Clinton) Briffa, u ta' diversi membri tal-familja B, kif ukoll fid-dawl ta' dak li ngħad dwar it-teorija ta' *unlawful possession of recently stolen goods* hi tal-fehma li l-ewwel Qorti għamlet analiżi korretta tal-provi kif riżultanti mill-bran sucitat. Apparti hekk jingħad illi FB xehed illi meta beda jara r-ritratti fil-*mobile* in kwistjoni li kien fil-pussess ta' l-appellant, fost ritratti oħra kien hemm ritratt "ta' bniedem u wara skoprejt li kien it-tifel tal-imgħallem ta' fejn kien jaħdem hu [cioe` l-appellant]", u l-appellant qallu biex iħassar kollox. Kieku verament l-appellant kien sab il-*mobile* fuq il-bankina, kien bla dubju jagħraf il-persuna fir-ritratt bħala ta' Clifton (jew Clinton) Briffa u jinfurmah b'dak li kien sab. Jiġifieri l-aġir ta' l-appellant wera *guilty knowledge*.

**22.** Fl-aħħarnett jiġi osservat illi fir-raba' imputazzjoni l-appellant ġie addebitat bl-aggravju tal-persuna. Fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju[13] l-Avukat Ġenerali addebita dak li hemm kontemplat fil-paragrafi (a) u (d) ta' l-artikolu 268 tal-Kodiċi Kriminali. Dawn kienu japplikaw kieku ġie pruvat li l-*mobile* kien jappartjeni lill-kumpanija li l-appellant kien jaħdem magħha. Peress illi dan ma

[12] Ara wkoll Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Richard Spiteri**, 31 ta' Awissu 2006 u **Il-Pulizija v. Antoine Cassar, 16 ta' Novembru 2006.**
[13] A fol. 177.

rriżultax, u anzi rriżulta li kien jappartjeni lil Briffa, l-ewwel Qorti ma sabitx lill-appellant ħati ta' l-aggravju tal-persuna. Huwa dan li kienet qed tgħid l-ewwel Qorti meta qalet **"u l-anqas ma ġie pruvat li l-*mobile phone* kien jappartjeni lill-kumpanija li kienet timpjega lill-imputat u mhux lil Clinton Briffa personalment"**.

**23.** Konsegwentement l-ewwel Qorti sabet lill-appellant ħati sew ta' serq aggravat bix-xorta tal-ħarġa misruqa. Għall-kjarezza, pero`, din il-Qorti sejra speċifikatament tiddikjara lill-appellant mhux ħati ta' l-aggravju tal-persuna.

**24.** L-aħħar aggravju jirrigwarda l-piena. L-appellant isostni li l-każ tiegħu għandu jitqies bħala wieħed ta' *diminished responsibility*, li għandu japplika l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali, u li l-piena għandha tkun waħda minima.

**25.** Meta l-ewwel Qorti ġiet biex tikkunsidra l-piena qalet:

> **"Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat fit-tul il-kundizzjoni mentali tal-imputat u f'dan ir-rigward strahet fuq dak li rrizultalha mir-rapport tal-esperti psikjatrici minnha mahtura u qablet mal-konkluzjonijiet taghhom u kwindi ma jidhrilhiex li bniedem li gie ritenut li jagixxi b'mod impulsiv u minghajr ma jahseb dwar il-konsegwenzi ta' eghmilu jista' la jigi ezonerat mir-responsabilita` kriminali ghall-agir tieghu u l-anqas mill-konsegwenti piena stabbilita specjalment meta wiehed jikkunsidra il-gravita` tar-reati li taghhom qed jinstab hati u l-eta` zghira u l-vulnerabilita` tal-vittma. Il-Qorti sejra ghalhekk timponi piena karcerarja effettiva izda mhux fil-massimu u qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin li l-imputat jinzamm fil-Forensic Unit tal-isptar Monte Carmeli sabiex huwa jinghata l-kura mehtiega ghall-kundizzjoni li ghandu."**

**26.** Din il-Qorti wkoll ikkunsidrat ir-rapporti ta' l-esperti nominati mill-ewwel Qorti kif ukoll il-konstatazzjonijiet magħmula mix-xhieda prodotti mill-appellant. Filwaqt illi tapprezza x-xogħol kollu li sar u li qiegħed isir minn, fost oħrajn, il-psikjatra Dr Jean Pierre Giorgio ma' l-appellant, din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni ta' l-ewwel Qorti.

**27.** L-appellant jirreferi għall-kunċett ta' *diminished responsibility* u jirreferi għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-2 ta' Awwissu, 1999 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Vella**. Minn dik is-sentenza jirriżulta li l-appellant f'dak il-każ instab li fil-mument ta' l-allegati reati kien ibati minn kondizzjoni kronika ta' *manic depressive psychosis* ta' entita` tali li hu ma kienx jista' jikkontrolla l-impuls tiegħu, fis-sens li l-kapacita` tiegħu ta' għażla kienet serjament menomata. "Tali menomazzjoni serja tfisser li, minħabba marda tal-moħħ, l-appellat kien nieqes mill-liberta` tal-għażla fl-aġir tiegħu. Dan jammonta għall-istat kontemplat mill-liġi fil-paragrafu (a) tal-Artikolu 33 tal-Kodiċi Kriminali, jigifieri stat ta' ġenn."

**28.** Il-każ tallum huwa differenti. L-esperti psikjatri nominati mill-ewwel Qorti, kif diġa` indikat *supra* f'paragrafu 18, sabu li ma jidhirx li [l-appellant] kien qed ibati minn mard ta' ġenn f'termini tal-liġi fil-ħin tal-allegat reat; li għalkemm jidher li jbati minn problema ta' impulsivita` u livell konjittivi fil-livell ta' *borderline intelligence* ma jidhirx li għandu problema biex jifhem o meno l-imputazzjonijiet miġjuba kontrih; u li jifhem ukoll il-gravita` o meno ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u jista' jirrispondi għalihom. Barra minn hekk mill-provi, u senjatament ix-xiehda tal-minuri, jidher li dak li għamel l-appellant lill-minuri kien ippjanat minnu. Hawn il-Qorti sejra tirriproduċi bran mix-xiehda tagħha li jirrispekkja proprju dan:

> "Sejrin lejn id-dar, u qalli: 'Il-karozza bil-ħsara'. Għidtlu: 'X'għandha?', jiena. Qalli: 'Qed taraha din il-bozza?' Għidtlu: 'Ma nafx. Ma nifhimx jiena." Qalli: 'Ħa mmur sal-garaxx', qalli, 'inġib l-għodda.' Għidtlu: 'Għamel li trid' jiena hux. U morna l-garaxx Ħaż-Zabbar stess, u waasalna l-garaxx, u daħal bil-karozza ġol-garaxx b'kollox u għalaq il-bieb. Ġol-garaxx m'hemmx dawl, hemm qisu s*haft* u qisha mat, u jiġifieri bniedem tara d-dell tiegħu għax m'hemm xejn xejn dawl. U beda resaq, le, qalli: 'Inżel', qalli, 'għandi karozza sabiħa'. U jien jogħġbuni l-karozzi u qalli: 'Ejja arah ġewwa u ara kemm hu sabiħ'. U ġewwa kien vojt, Escort kien ... Xejn ma kien fih, body biss ta' barra. U qalli: 'Sabiħ, hux.' Imma għidtlu: 'Ġewwa ma fih xejn', jiena. U mbagħad qalli: 'Stenna naqra taf ħa nġib l-għodda'. U rajtu sejjer hekk. Għidt dan x'inhu jagħmel, jien qiegħed sejjer hekk, u neża' minn ... qaddu 'l isfel."

**29.** Filwaqt illi sa ċertu punt l-appellant jista' jitqies bħala persuna vulnerabbli, iċ-ċirkostanzi li fihom wettaq ir-reati li tagħhom instab ħati ma jwasslux lil din il-Qorti tikkunsidra l-applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali.

**30.** L-ewwel Qorti rrakkomandat lid-Direttur tal-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin li l-appellant jinżamm fil-Forensic Unit ta' l-Isptar Monte Carmeli sabiex jingħata l-kura meħtieġa għall-kundizzjoni tiegħu. Ma' dan din il-Qorti żżid illi tqis opportun illi jibqa' jingħata wkoll l-għajnuna meħtieġa mill-professjonisti konsulenti tiegħu, bħall-psikjatra Dr Jean Pierre Giorgio u l-ADHD *coach* Simone Schembri, kif ukoll li jiġi assigurat li jqatta' l-ħin tiegħu f'attivita` kostruttiva u ta' beneficċju għalih.

**31.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier, b'dan illi qed tispeċifika b'referenza għar-raba' imputazzjoni illi mhuwiex ħati ta' l-aggravju tal-persuna u minn dak l-aggravju huwa liberat. Tirreferi lid-Direttur tal-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin u lid-Direttur ta' l-Isptar Monte Carmeli għall-paragrafu 30 ta' din is-sentenza u tordna li kopja ta' din is-

sentenza tiġi minnufih notifikata lilhom.

**(ft) David Scicluna**
**Imhallef**

**Vera Kopja**

**Christopher Camilleri**
**Deputat Registratur**